MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 959/2001/1

**Avviz numru 959/01 DM**

**Global Neon Signs Limited**

**Vs**

**Ezabe Ali noe in rapprezentanza tas-socjeta' North Sea Fibre Glass Limited u b' digriet tat-8 ta' Marzu, 2005 gie kjamat in kawza Eric Gera**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u tmienja u sittin Lira Maltin (LM 2,668), rapprezentanti xogholijiet u spejjez ta' materjal li s-socjeta' attrici forniet lis-socjeta' konvenuta,

Bl-imghax legali sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kumpanija konvenuta fejn eccepiet illi:

1 L-eccipjenti nomine m' ghandu ebda debitu mas-socjeta' attrici u anqas qatt ma' ordna jew gie kkonsenjat lilu xi materjal jew servizz mis-socjeta' attrici, illi ghalhekk isegwi li l-eccipjent m' ghandu ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi
2 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Marzu, 2005, fejn ordnat li jissejjah fil-kawza Eric Gera li gie debitament notifikat bl-avviz.

Rat illi l-istess Eric Gera kjamat fil-kawza naqas li jidher biex jikkontesta t-talba attrici.

Semghet xhieda li gew prodotti.

Rat id-dokumenti esebiti billi rat ukoll in-nota ta' cessjoni prezentanta mill-kumpanija attrici permezz ta' liema fis-17 ta' Mejju, 2006 cediet l-atti tal-kawza fil-konfront biss tas-socjeta' konvenuta izda zammet ferm it-talbiet fil-konfront tal-kjamat fil-kawza Eric Gera.

Billi l-kjamat fil-kawza Eric Gera la kkontesta t-talba attrici u lanqas ma' deher fis-seduta ta' llum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Il-Qorti ssib illi t-talba attrici fil-konfront biss tal-kjamat fil-kawza Eric Gera tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha tilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-kjamat fil-kawza Eric Gera u tikkundanna lill-istess Eric Gera sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz ihallas lil kumpanija attrici s-somma ta' elfejn, sitt mija u tmienja u sittin Lira Maltin (LM 2,668).

Bl-imghax legali mill-21 ta' Novembru 2001.

Bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess kjamat fil-kawza Eric Gera, salv dawk tal-kumpanija konvenuta illi l-ispejjez ta' din il-kumpanija ghandhom jigu ssopportati mill-kumpanija attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------